MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT**
**ANTONIO GIOVANNI VELLA**

Seduta ta' l-4 ta' Ottubru, 2012

Numru. 178/2012

**PULIZIJA**
**SPETTUR KYLIE BORG**
**VS**
**PAULSEPH PIROTTA**

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra;

Paulseph Pirotta ta’ 21 sena, bin Francis u Agostina nee’ Magro, mwieled Pieta’ nhar it- 3 ta’ Dicembru 1990, residenti 49, God Bless Nestor, Triq l- Izbandola, Qormi u detentur tal- Karta tal- Identita’ bin- numru 571590M;

Talli fil- lejl ta’ bejn l- 24 u l- 25 ta’ Novembru 2011, fl-inhawi tal- Valletta Cruise Port fil- Florjana;

1) Gieghel annimali (ziemel) isofri ugiegh, tbatija jew dwejjaq minghajr bzonn, meta ma pprovdiex ilma, ghata ghall- kenn mill- element naturali tat- temp u post dicenti fejn jistrieh, ukoll meta rabat l- animal fil- kustodja tieghu b' tali mod ghall- tul ta' hin li kkawzalu dwejjaq fil- waqt li ukoll gie abbandunat wahdu;

2) Aktar talli zamm jew qabel li jzomm animal (ziemel) ghandu u ma kienx responsabbli ghat- trattament tieghu;

3) Ukoll talli kkommetta reat waqt li qieghed that ordni ta' probation liema sentenza inghatat mill- Qorti tal- Magistrati preseduta mill- Magistrat Dr. Edwina Grima LL.D nhar il- 21 ta' Frar 2011 liema sentenza saret definittiva u ma tistax tigi mibdula ai terminu tal- ARtikolu 22 tal- Kapitolu 446 tal- Ligijiet ta' Malta;

Rat u ezaminat id-dokumenti ezebiti;

Semghet ix-xhieda;

**Ikkonsidrat:**

Illi l-fatti li taw lok ghal din il-kawza kienu s-segwenti. Fil-25 ta' Novembru, 2011, fil-hinijiet bikrin ta' fil-ghodu, il-Pulizija tal-Ghassa tal-Belt kienu qed jaghmlu r-ronda ta' bil-lejl, fl-inhawi tal-Waterfront, meta raw tlitt izwiemel marbuta wehidhom minghajr hadd maghhom. Huma kellhom il-karrozzini taghhom maqlugha minn maghhom ftit 'il boghod minnhom. Il-Pulizija fittxew fil-ficinanzi biex jaraw jekk kienx hemm is-sidien jew il-kucciera taghhom reqdin f'karozza, izda ma lemhu lil hadd. Ghalhekk huma ghamlu kuntatt mat-taqsima tal-kavallerija tal-Pulizija, sabiex iz-zwiemel jittiehdu minn fuq il-post. Wara ftit aktar minn siegha, gie Paulseph Pirotta fuq il-post, li kien is-sid ta' ziemel minnhom, u spjega r-raguni ghalfejn kien halla liz-ziemel tieghu hemm ghal dak il-hin marbut wahdu. Sar

rapport lill-Animal Welfare Unit u ttiehdu dawn il-proceduri kontra l-imputat u kontra terzi.

Mill-provi prodotti rrisulta li effettivament, iz-ziemel proprjeta' ta' Pirotta kien thalla wahdu ghal hin konsiderevoli fejn il-Waterfront. Ir-raguni li hu ta kienet li hu mar jaghlef il-bhejjem l-ohra tieghu, wara li halla z-ziemel tieghu marbut ma' tnejn ohra. Jidher evidenti ferm ghall-Qorti li din hi prassi tal-kucciera li jhallu z-zwiemel taghhom marbuta wehidhom minn kmieni filghodu, sabiex ikunu minn ta' l-ewwel li jrikkbu turisti li jinzlu minn fuq vapuri li jzuru Malta ghal gurnata. Ma hemm l-ebda spjegazzjoni ohra logika ghajr dik. Ix-xhieda tal-Prosekuzzjoni qalu li z-zwiemel kienu keshin, peress illi ma kellhom ebda ghata fuqhom, u kienet in-nida u l-kesha dakinhar, u ma kellhomx ilma maghhom biex jixorbu. Ghalhekk, fil-fehma tal-Qorti, l-ewwel zewg imputazzjonijiet jirrisultaw ippruvati. Kwantu ghat-tielet imputazzjoni, ma giet esebita ebda sentenza tal-Qorti, u ghalhekk l-imputat ser jigi liberat minn dik l-imputazzjoni.

Rigward piena, il-Qorti tifhem li dan l-agir tal-kucciera huwa frott tal-kompetizzjoni li tezisti bejniethom ghal min jirnexxilu jaqbad l-ewwel turisti u jaqla' l-ghixien tieghu. Dan, bid-dovut rispett lejn kulhadd, ma jistax jippermetti li zwiemel jithallew kwazi lejl shih fil-kesha minghajr protezzjoni ta' xejn. Il-Qorti hi propensa tikkunsidra sanzjoni fil-komunita' f'dan il-kaz, biex isservi ta' deterrent ghall-imputat biex ma jergax ihalli z-ziemel tieghu hekk f'nofs ta' lejl, u jitghallem minn din l-esperjenza.

**Ghal dawn il-motivi l-Qorti;**

Wara li rat l-Artikoli 8(2) u (3) tal-Kap 439 tal-Ligijiet ta' Malta;

Din il- Qorti ssib lill- imputat hati tal- ewwel (1) u t- tieni (2) akkuzi u ghaldaqstant tilliberah bil- kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien sena ai terminu tal- Artikolu 22 tal- Kapitolu 446 tal- Ligijiet ta' Malta.

Ma ssibux hati tat- tielet (3) akkuza u ghaldaqstant tilliberah.

Il-Qorti spjegat il-portata ta’ din is-sentenza lill-imputat.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------